MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

Seduta tat-2 ta' Lulju, 2003

Appell Civili Numru. 552/1996/1

**Salvatore sive Salvu Desira**

**vs**

**Malta Drydocks**

Il-Qorti:

Rat is-sentenza in parte tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tal-5 ta' Gunju 2000 li taqra hekk:

"Rat ic-citazzjoni ppresentata mill-attur fid-9 ta' Lulju 1996 fejn talab lil din il-Qorti li tikkundanna lill-azjenda konvenuta li:
1. Prevja d-dikjarazzjoni li l-korriment li sofra l-attur, bhala charge-man, f'idu x-xellugija fit-28 ta' Jannar 1994 meta kien qed jahdem b'inkarigu tal-konvenuti nomine fil-bacir numru 4 abbord il-vapur "Flinders Bay", u d-danni konsegwenzjali minnu jaqghu u huma koperti bil-'Personal

Accident Insurance Policy' vigenti ghal haddiema tat-Tarzna;

2. Jigi likwidat, okkorrendo bl-opra ta' periti nominandi, l-kumpens ossia beneficcju dovut lill-attur;

3. Jigu kkundannati l-konvenuti nomine jhallsu lill-attur l-ammont li jigi hekk likwidat u li jeccedix il-kompetenza ta' din l-Onorabbli Qorti.

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-ittra ufficjali tat-13 ta' Mejju 1996 kontra l-konvenuti nomine li gew ingunti ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-Malta Drydocks fejn eccepiet illi:

1. Preliminarjament illi t-talbiet attrici huma preskritti ai termini tal-artikolu 2153 tal-Kodici Civili.

2. Illi kif formulati t-talbiet attrici l-gudizzju mhux integru.

3. Fi kwalunkwe kaz, it-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt billi l-Personal Accident Insurance Policy tirregola biss ir-relazzjonijiet bejn il-Malta Drydocks u l-assikuraturi taghha a beneficcju taht din il-Policy hija l-istess Malta Drydocks.

4. Fil-meritu, il-Malta Drydocks bl-ebda mod ma tahti ghall-incident imsemmi u kwalsiasi danni konsegwenzjali li seta' sofra l-attur.

5. Fi kwalunkwe kaz u bla pregudizzju ghas-sueccepit, ma huwa dovut ebda kumpens taht il-Policy imsemmija.

6. Salvi eccezzjonijiet ohra.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet ulterjuri tas-socjeta' konvenuta debitament awtorizzata ippresentata fil-5 ta' Mejju 2000 fejn eccepiet illi:-

Illi l-meritu ta’ din il-kawza jinsab ezawrit billi fil-mori taghha, l-attur thallas ghas-saldu tal-kumpens talvolta dovut lilu taht il-Personal Accident Insurance Policy tat-Tarzna, minhabba incident li  jghid li kellu fit-28 ta’ Jannar 1994.

Rat in-nomina tal-espert mediku Charles Grixti tas-27 ta’ Jannar 1997.

Rat ir-relazzjoni tal-istess espert ippresentata fit-18 ta’ April 1997 u debitament mahlufa.

Semghet ix-xhieda bil-gurament.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha tal-kawza.

Ikkunsidrat:

Illi din il-kawza hija rizultat ta’ incident illi gara fit-28 ta’ Jannar 1994 gol-Malta Drydocks fejn l-attur sofra ksur ta’ idejh ix-xellugija waqt illi kien qed jahdem fix-shaft tunnel fid-double bottom tal-vapur ‘Flinders Bay’ fil-kumpanija ta’ Charles Ellul. Bhala rizultat ta’ dan l-incident l-attur kellu jkun rikoverat l-isptar fejn sarulu diversi interventi kirurgici. Peress illi l-attur sofra percentagg ta’ debilita’ saret talba ghal kumpens abbazi tal-‘personal accident insurance policy’ vigenti ghall-haddiema tat-Tarzna. Ma sarx qbil pero’ dwar l-ammont ta’ dan il- persentagg. Fil-fatt it-Tarzna allokat biss persentagg ta’ wiehed fil-mija (1%) waqt li l-konsulent imqabbad mill-attur, Mr Sciberras ikkalkola persentagg ta’ tmienja fil-mija (8%). Kien ghalhekk il-Qorti nnominat lil Mr Charles Grixti sabiex jezamina lill-attur u jirrelata hu dwar dan il-persentagg tad-debilita’ u l-espert mediku fuq imsemmi nnominat mill-Qorti kkalkola persentagg ta’ tlieta fil-mija (3%).

Gara pero’, illi fil-mori ta’ din il-kawza sar pagament mit-Tarzna lill-attur fl-ammont ta’ mija u tletin lira u tnejn u sittin centezmu (Lm130.62c)  u giet rilaxxata rcevuta fit-22 ta’ Dicembru 1997 liema rcevuta qieghdha esibita a fol 41 tal-process. Hija konsegwenza ta’ dan il-hlas illi l-azjenda konvenuta ppresentat l-eccezzjonijiet ulterjuri taghha fit-3

ta’ Mejju 2000 fejn eccepiet illi sar pagament ghas-saldu fil-mori ta’ din il-kawza u quindi ma hemm l-ebda kumpens iehor dovut lill-attur u ghalhekk it-talba tieghu tinsab esawrita.

Il-Qorti ezaminat fil-fond din l-ircevuta rilaxxata mill-attur wara illi sar il-pagament imsemmi, u ma hemmx dubbju illi l-indicitura wzata f’din l-ircevuta hija konfusjonarja ghall-ahhar. L-ewwel

inghad li dan il-hlas qed isir u jigi accettat minghajr pregudizzju, minghajr assunzjoni ta’ responsabilta’ u mbaghad fil-paragrafu ta’ wara jinghad illi l-pagament qed isir ghas-saldu tad-drittijiet ta’ l-attur taht l-iskema tal-personal accident. Fl-istess nifs jinghad ukoll illi dan il-hlas qed ikun akkont ta’ kull somma li tista tigi likwidata bhala danni kemm fil-qbil bejn il-partijiet u kemm f’xi decizzjoni ta’ awtorita’ gudizzjarja.

Il-konfussjoni tohrog mill-fatt illi filwaqt illi kulhadd qed jirriserva d-drittjiet tieghu u jghid li dan il-pagament qed isir minghajr xi pregudizzju, fl-istess hin jinghad illi dan l-ahhar pagament qed jsir ghas-saldu. Dawn huma zewg kuncetti djamatrikament opposti u ma jistghux jissuccedu fl-istess hin, jew minghajr pregudizzju, jew ghas-saldu. U ghalhekk biex taghmel gustizzja l-Qorti trid tara x’kienu l-intenzjoni tal-partijiet meta sar dan il-pagament u giet rilaxxata din l-ircevuta. Dana qed isir fuq l-iskorta tat-taghlim tad-dritt Ruman li: “interpretatio fienda est ut res magis valeat quam pereat”. Ghandha tinghata dik l-interpretazzjoni li l-ahjar tirriffletti l-intenzjoni tal-partijiet.

Skond ix-xhieda ta’ Lawrence Bilocca u Anthony Coleiro filwaqt illi t-tnejn jammettu illi l-pagament sar fil-mori ta’ din il-kawza, Anthony Coleiro a fol 54 jghid specifikament illi dak il-pagament illi sar lill-attur sar minghajr pregudizzju ghad-drittijiet tieghu naxxenti minn din il-kawza. Kien fuq din l-assikurazzjoni moghtija lilu mis-Sur Bilocca illi Anthony Coleiro awtorizza l-pagament. Minnahha l-ohra Lawrence Bilocca li huwa l-

Financial Controller u Corporate Secretary tal-Malta Dockyard filwaqt li jirrikonoxxi illi fil-file kellu kopja tal-avviz fix-xhieda li ta quddiem il-Qorti jghid illi ma kienx jaf illi l-attur kien qed jikkontesta l-ammonti fuq l-iskema tal-personal accident. Il-Qorti issib din l-ahhar xhieda difficli biex titwemmen. Jekk is-Sur Bilocca kellu kopja tal-avviz fil-file kellu jirrizultalu car illi l-attur kien proprju qed jikkontesta dawn l-ammonti proposti lilu fuq din l-iskema, ghax fl-avviz hemm imsemmi car illi d-danni konsegwenzjali li kien qed jippretendi, kienu naxxenti u koperti bil-'Personal Accident Insurance Policy' vigenti ghal haddiema tat-Tarzna. Ghalhekk anke hawnhekk bejn l-istess dirigenti tat-Tarzna hemm daqsxejn ta' tahwid u ma huwiex car x'kellhom f'mohhom meta hallsu lill-attur l-ammont ta' mija u tletin lira (Lm130). Biss bhala vina kostanti f'dan il-hsieb konfusjonarju, hemm dak illi jidher illi l-pagament ma kienx qed isir bi pregudizzju ghal kwalunkwe award illi setghet taghti din il-Qorti u minkejja dak li nghad f'din l-ircevuta ma jidhirx illi kienet l-intenzjoni tal-partijiet illi l-attur jigi mcahhad minn kwalunkwe somma ohra li setghet tigi likwidata minn din il-Qorti.

Ghaldaqstant,

Filwaqt li din il-Qorti ticcensura lill-azjenda konvenuta talli hadet inizjattiva bhal din fil-pendenzi ta' proceduri gudizzjarji minghajr kunsens jew konsulenza legali li tinvolvi l-partijiet kollha, l-Qorti taqta' u tiddeciedi illi tichad l-eccezzjoni ulterjuri tal-azjenda konvenuta ippresentata fit-3 ta' Mejju 2000, tiddikjara illi l-pagament maghmul lill-attur mill-istess azjenda konvenuta fit-22 ta' Dicembru 1997 kien wiehed akkont li ma jippregudikax id-drittijiet tal-attur naxxenti minn din il-kawza u ghalhekk tordna l-prosegwiment tal-kawza bis-smiegh tal-provi. Bl-ispejjez ta' dan il-gudikat kontra l-azjenda konvenuta."

Rat is-sentenza finali tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tal-25 ta' Gunju 2001 li taqra hekk:

"Rat l-avviz ippresentat mill-attur fid-9 ta' Lulju 1996 fejn talab lil din il-Qorti li tikkundanna lill-azjenda konvenuta li:

1. Prevja d-dikjarazzjoni li l-korriment li sofra l-attur, bhala charge-man, f'idu x-xellugija fit-28 ta' Jannar 1994 meta kien qed jahdem b'inkarigu tal-konvenuti nomine fil-bacir numru 4 abbord il-vapur "Flinders Bay", u d-danni konsegwenzjali minnu jaqghu u huma koperti bil-'Personal Accident Insurance Policy' vigenti ghall-haddiema tat-Tarzna;

2. Jigi likwidat, okkorrendo bl-opra ta' periti nominandi, l-kumpens ossia beneficcju dovut lill-attur;

3. Jigu kkundannati l-konvenuti nomine jhallsu lill-attur l-ammont li jigi hekk likwidat u li jeccedix il-kompetenza ta' din l-Onorabbli Qorti.

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-ittra ufficjali tat-13 ta' Mejju 1996 kontra l-konvenuti nomine li gew ingunti ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-Malta Drydocks fejn eccepiet illi:

1. Preliminarjament illi t-talbiet attrici huma preskritti ai termini tal-artikolu 2153 tal-Kodici Civili.

2. Ili kif formulati t-talbiet attrici l-gudizzju mhux integru.

3. Fi kwalunkwe kaz, it-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt billi l-Personal Accident Insurance Policy tirregola biss ir-relazzjonijiet bejn il-Malta Drydocks u l-assikuraturi taghha a beneficcju taht din il-Policy hija l-istess Malta Drydocks.

4. Fil-meritu, il-Malta Drydocks bl-ebda mod ma tahti ghall-incident imsemmi u kwalsiasi danni konsegwenzjali li seta' sofra l-attur.

5. Fi kwalunkwe kaz u bla pregudizzju ghas-sueccepit, ma huwa dovut ebda kumpens taht il-Policy imsemmija.

6. Salvi eccezzjonijiet ohra.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet ulterjuri tas-socjeta' konvenuta debitament awtorizzata ippresentata fil-5 ta' Mejju 2000 fejn eccepiet illi:-

Illi l-meritu ta' din il-kawza jinsab ezawrit billi fil-mori taghha, l-attur thallas ghas-saldu tal-kumpens talvolta dovut lilu taht il-Personal Accident Insurance Policy tat-Tarzna, minhabba incident li jghid li kellu fit-28 ta' Jannar 1994.

Rat in-nomina ta' l-espert mediku Charles Grixti tas-27 ta' Jannar 1997.

Rat ir-relazzjoni ta' l-istess espert ippresentat fit-18 ta' April 1997 u debitament mahluf.

Rat is-sentenza ta' din il-Qorti tal-5 ta' Gunju 2000.

Semghet ix-xhieda bil-gurament.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha tal-kawza.

Ikkunsidrat:

Illi fl-ewwel eccezzjoni taghha l-azjenda konvenuta qieghdha teccepixxi favur taghha l-preskrizzjoni ta' sentejn ai termini ta' l-artikolu 2153 tal-kodici civili.

Apparentement dan it-terminu ghadda favur l-azjenda konvenuta peress illi l-incident gara fit-28 ta' Jannar 1994 u saret l-ewwel ittra ufficjali fit-13 ta' Mejju 1996 li giet notifikata fis-16 ta' Mejju 1996,ghalhekk it-terminu ta' sentejn lahaq skada, pero' din il-kawza mhijiex ibbazata fuq ir-responsabbilta' da parti ta' l-azjenda konvenuta, izda abbazi ta' polza ta' l-assikurazzjoni, fejn allura jitbiddlu l-parametri ta' din l-azzjoni u jigu abbinati ma' operazzjoni kummercjali. Dana jinkwadra din l-azzjoni fil-kuncett ta' l-artikolu 2156 (F) tal-Kodici Civili li jippreskrivi terminu ta' hames snin.

Bil-verbal a fol 27 tal-process l-attur iddikjara li t-talba tieghu hija bbazata fuq il-polza ta' l-assikurazzjoni illi kien hemm bejn il-Malta Drydocks u s-socjeta' assikuratrici u ghalhekk huwa ovvju illi l-hlas illi qieghed isir lill-attur huwa naxxenti minn operazzjoni kummercjali u ghalhekk kif gia nghad, it-terminu preskrittiv ghadu ghaddej din id-darba, favur l-attur. Ghalhekk il-Qorti taqta' u tiddeciedi li tichad l-ewwel eccezzjoni ta' preskrizzjoni mqajjma mill-azjenda konvenuta.

Ghal dak li jirrigwarda l-meritu, rrizulta illi din il-kawza hija rizultat ta' ncident illi gara fit-28 ta' Jannar 1994 gol-Malta Drydocks fejn l-attur sofra ksur ta' idejh ix-xellugija waqt li kien qed jahdem fix-*shaft tunnel* fid-*double bottom* tal-vapur *Flinders Bay* fil-kumpanija ta' Charles Ellul. Bhala rizultat ta' dan l-incident l-attur kellu jigi rikoverat l-isptar fejn sarulu diversi nterventi kirurgici. Peress illi l-attur sofra persentagg ta' dibilita' saret talba ghal kumpens abbazi tal-*personal incident insurance policy* vigenti ghall-haddiema tat-Tarzna. Ma sarx qbil pero' dwar l-ammont ta' persentagg. Fil-fatt it-Tarzna allokat biss persentagg ta' wiehed fil-mija (1%) waqt li l-konsulent mediku imqabbad mill-attur Mr Sciberras ikkalkola persentagg ta' tmienja fil-mija (8%). Il-Qorti ghalhekk innominat lil Mr Charles Grixti sabiex jezamina lill-attur u jirrelata dwar il-persentagg ta' dibilita'. L-espert mediku fuq imsemmi kkalkola persentagg ta' tlieta fil-mija (3%).

Fil-mori ta' din il-kawza sar pagament mit-Tarzna lill-attur fl-ammont ta' mija u tletin lira u tnejn u sittin centezmu (Lm130.62c) u giet rilaxxata rcevuta fit-22 ta' Dicembru 1997 li qieghdha esebita a fol 41 tal-process. Din l-ircevuta kienet il-movent wara d-decizzjoni ta' din il-Qorti tal-5 ta' Gunju 2000 fejn gie stabbilit illi *"il-pagament maghmul lill-attur mill-istess azjenda konvenuta fit-22 ta' Dicembru 1997 kien wiehed akkont li ma jippregudikax id-drittijiet ta' l-attur naxxenti minn din il-kawza".*

Fil-kors ta' din il-kawza giet esibita kopja tal-polza li fuqha thallas l-attur u din il-polza hemm l-*scale of permanent disabilities*. Sfortunatament l-infortinju illi sofra l-attur

mhuwiex kopert minn din l-iskala u ghalhekk jidher illi l-azjenda konvenuta qabdet u ffissat rata ta' wiehed fil-mija (1%) "arbitrio boni viri". Il-Qorti ghalhekk trid toqghod fuq il-persentagg illi ssuggerixxa l-espert minnha nominat Mr Charles Grixti li ssuggerixxa persentagg ta' tlieta fil-mija (3%) u huwa dan il-persentagg illi din il-Qorti ser tikkonsidra biex tikkalkola l-kumpens dovut lill-attur abbazi tal-polza.

Il-Qorti taghmel referenza ghall-ittra li baghtet l-azjenda konvenuta datata 14 ta' Mejju 1995 a fol 19 tal-process u sejra tuza l-istess *workings* illi ghamlet l-azjenda konvenuta biex tasal ghal kalkoli taghha, flok wiehed fil-mija (1%) pero' ser tuza r-rata ta' tlieta fil-mija (3%). Din ir-rata ggib it-total ta' tlett mija u wiehed u disghin lira u tmienja u sebghin centezmu (Lm391.87c) li minnhom l-azjenda konvenuta gia hallset mija u tletin lira u tnejn u sittin centezmi (Lm130.62c). Dana jifdal bilanc dovut lill-attur fl-ammont ta' mitejn u wiehed u sittin lira u hamsa u ghoxrin centezmu (Lm261.25c) u hija din l-ahhar cifra illi din il-Qorti sejra takkorda lill-attur.

Ghal dawn il-motivi.

Il-Qorti taqta' u tiddeciedi illi tilqa' t-talba ta' l-attur. Tiddikjara li l-korriment illi sofra l-attur bhala *charge man* f'idu x-xellugija fit-28 ta' Jannar 1994 meta kien qed jahdem b'inkarigu tal-konvenuti noe fil-bacir numru 4 abbord il-vapur Flinders Bay u danni konsegwenzjali, huma koperti bil-*Personal Accident Insurance Policy* vigenti ghal haddiema tat-Tarzna.

Tillikwida l-kumpens jew beneficcju dovut lill-attur fl-ammont ta' mitejn u wiehed u sittin lira u hamsa u ghoxrin centezmu (Lm261.25c) u konsegwentement tikkundanna lill-azjenda konvenuta sabiex thallas lill-attur dan l-ammont hekk likwidat.

Bl-ispejjez u interessi legali mid-data ta' din is-sentenza kontra l-azjenda konvenuta";

Rat ir-rikors ta’ l-appell tal-Malta Drydocks li permezz tieghu talbet li din il-Qorti tirrevoka s-sentenzi msemmija tal-5 ta' Gunju 2000 u tal-25 ta' Gunju 2001 billi tilqa' l-eccezzjonijiet tal-konvenuta appellanti u tichad it-talbiet attrici bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-attur appellat;

Rat ir-risposta tal-Korporazzjoni konvenuta appellata;

Semghet it-trattazzjoni;

Ikkunsidrat illi:-

L-aggravji tas-socjeta` appellanti jikkonsistu in sintezi f’dawn is-sottomissjonijiet:

Dwar l-eccezzjoni ulterjuri li giet michuda bis-sentenza tal-5 ta' Gunju 2000, jidher li l-Ewwel Qorti fehmet li l-hlas mill-Malta Drydocks kien sar in mala fede u l-gudizzju taghha jista' jkun li kien kundizzjonat minn din il-fehma; il-Malta Drydocks tichad li kien hemm xi nuqqas jew xi intenzjoni ulterjuri min-naha taghha f'dan il-hlas. Barra minn hekk, ghalkemm l-ircevuta setghet kienet ahjar fid-dicitura taghha, hija cara bizzejjed li l-hlas sar taht il-Personal Accident Insurance Policy fit-Tarzna u ghas-saldu tad-dritt ta' l-attur taht dik l-iskema izda bla pregudizzju ghal drittijiet ohra li seta' kellu l-attur u bla pregudizzju ghall-pozizzjoni tal-Malta Drydocks. Galadarba t-talba ta' l-attur hija bazata unikament fuq l-iskema tal-Personal Accident u thallas ghas-saldu, il-mertu tal-kawza huwa ezawrit.

Is-socjeta` appellanti ssostni wkoll li anke fuq l-eccezzjonijiet l-ohra l-Ewwel Qorti kellha tilliberaha. Tghid li ma jidhirx kontestat li l-azzjoni ghas-sejbien ta' responsabbilta` tal-Malta Drydocks tinsab preskritta taht l-artikolu 2153 tal-Kodici Civili. Izda l-Ewwel Qorti kkonkludiet li l-azzjoni ma kinitx wahda ghas-sejbien ta' responsabbilta`, imma diretta ghall-hlas ta' kumpens taht il-polza tal-Personal Accident vigenti fit-Tarzna. F'dan ir-rigward ghalhekk kellha tigi akkolta t-tieni eccezzjoni, dik dwar l-integrita' tal-gudizzju peress li l-polza hija kuntratt bilaterali bejn il-Malta Drydocks bhala assigurata u l-

assiguraturi u l-attur mhuwiex parti fil-kuntratt. Kwalunkwe hlas dovut taht il-polza jsir mill-assiguraturi lill-Malta Drydocks u kellhom ikunu parti fil-kawza. Il-gudizzju ma jistax jorbot lill-assiguraturi, u l-Malta Drydocks ma tistax hi taghmel xi hlas taht il-Personal Accident Insurance Policy u ghalhekk ma setghetx tigi kkundannata thallas hi taht dik il-polza kif talab l-attur.

Kunsiderazzjoni ohra tas-socjeta` appellanti hi li t-talbiet ta' l-attur ma jistghux jigu milqugha ghaliex kif jinghad fit-tielet eccezzjoni u kif jirrizulta mill-provi, il-Personal Accident Insurance Policy tirregola biss ir-relazzjonijiet bejn il-Malta Drydocks u l-assikuraturi taghha u l-beneficjarju taht din il-Policy hija l-istess Malta Drydocks. L-assikuraturi ghalhekk ihalsu lilha u mhux lill-haddiem taht dik il-polza. Ghalkemm normalment il-Malta Drydocks thallas hi l-flus li tigbor mill-assikuraturi lill-haddiem koncernat, dan taghmlu bhala policy taghha bil-ghan li tevita proceduri ohra u dan ma jaghti ebda dritt legali lill-haddiema nnifishom li jfittxu taht il-polza. Il-haddiema jistghu biss jagixxu kontra t-Tarzna ghar-responsabbilta` li jista' jkollha.

Bla pregudizzju ghal dan kollu, is-socjeta` appellanti ma taqbilx mal-mod kif l-Ewwel Qorti ffissat il-kumpens dovut taht il-polza. Difatti r-rata ta' 1% giet iffissata mit-tabib ta' l-assikuraturi u l-Qorti ma setghetx minn jeddha tistabilixxi percentagg fuq kriterji li ma jaqghux fit-termini tal-polza in kwistjoni.

Ikkunsidrat illi:-

Dwar is-sentenza in parte moghtija mill-Ewwel Qorti fil-5 ta' Gunju 2000, din il-Qorti essenzjalment taqbel ma' l-apprezzament u l-konkluzjoni ta' l-Ewwel Qorti. Filwaqt illi ma tistax teskludi li l-hsieb wara l-iddraftjar tar-ircevuta in kwistjoni huwa proprju dak spjegat mis-socjeta` appellanti fir-rikors ta' appell taghha, kif tammetti hi stess "ir-ricevuta setghet kienet ahjar fid-dicitura taghha". Difatti d-dicitura ma tirriflettix ezattament x'kellhom f'mohhom il-partijiet. Mix-xiehda ta' Lawrence Bilocca u ta' Anthony Coleiro difatti huwa evidenti li meta sar il-pagament lill-attur fil-

mori tal-kawza, ma kien hemm ebda hsieb li dawn il-proceduri in partikolari jigu ppregudikati. Ghalhekk is-socjeta` appellanti ma tistax tibbenefika minn xi dubbju li jista' jkun hemm dwar l-interpretazzjoni tad-dicitura fl-ircevuta in kwistjoni galadarba l-hsieb tal-partijiet jirrizulta mill-provi. Konsegwentement dan l-aggravju huwa respint.

Dwar l-eccezzjoni ta' preskrizzjoni, din il-Qorti taqbel perfettament ma' l-Ewwel Qorti li tali eccezzjoni ma treggix peress li l-azzjoni ta' l-attur hija bbazata fuq polza ta' assikurazzjoni fejn allura l-perijodu preskrittiv huwa dak kwinkwennali.

Is-socjeta` appellanti tippretendi li galadarba l-Ewwel Qorti kkonkludiet li l-azzjoni hi diretta ghall-hlas ta' kumpens taht polza ta' assikurazzjoni, kellha tigi akkolta l-eccezzjoni dwar l-integrita` tal-gudizzju. Il-Qorti ma tistax tikkondividi din il-fehma fil-kaz partikolari in ezami. Lawrence Bilocca, il-financial controller u corporate secretary tal-Malta Drydocks, iddikjara fix-xiehda tieghu li l-assikurazzjoni taf lil Malta Drydocks u mhux lill-individwu. Kienet il-Malta Drydocks li hadmet ic-cifra li skond hi kienet dovuta lill-attur appellat. Kienet il-Malta Drydocks li halset dik ic-cifra lill-attur appellat, kif jirrizulta b'mod car mill-ircevuta Dok. MDD1 (a fol. 41). Jigifieri kienet is-socjeta` appellanti li assumiet ir-responsabbilta` kollha ghall-hlas opportun u dan nonostante li, kif ighid l-istess xhud, kellu kopja ta' l-Avviz fil-file u xorta ma kienx jaf li l-attur appellat kien qieghed jikkontesta l-*quantum* tad-danni u li din il-kawza kienet differenti mill-kaz ta' l-Um El Faroud. Ghalhekk is-socjeta` appellanti ma tistax tippretendi li ezimiet ruhha mir-responsabbilta` bil-pagament li hija ghamlet.

Ta' min ighid ukoll li s-socjeta` appellanti baqghet ma esibietx kopja tal-polza ta' assikurazzjoni u kull ma esibiet kienet kopja ta' *cover note*. Is-sitwazzjoni certament setghet tigi kristallizzata ahjar li kieku esebiet il-polza.

In kwantu ghall-kumpens li gie likwidat mill-Ewwel Qorti, din il-Qorti ma jidhrilhiex li hemm ragunijiet bizzejjed biex tissostitwixxi d-diskrezzjoni uzata minn dik il-Qorti, liema

diskrezzjoni, fil-fehma ta' din il-Qorti, giet uzata b'mod gust.

Ghal dawn il-motivi:-

Tiddeciedi billi tirrespingi l-appell, u tikkonferma s-sentenzi moghtija mill-Ewwel Qorti fil-5 ta' Gunju 2000 u fil-25 ta' Gunju 2001.

Bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra s-socjeta` appellanti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------